**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 71/2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Therese Grima)**

**Vs**

**Josann Josephine Anne Darmanin**

Illum, 30 ta' Ottubru 2020

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Josanne Josephine Anne Darmanin, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 640863M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar l-14 ta' Awwissu tas-sena 2018, ghall-habta tas-19:00 PM, gewwa H'Attard, bil-vettura HBJ 167 gewwa Ta' Qali, Attard;

1. Uzat, gieghlet jew halliet lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq, kemm-il darba, ghall-uzu tal-vettura minnha jew minn dik il-persuna l-ohra, skond il-kaz, ma kienetx issehh polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni u dan bi ksur tal-Artikolu 3(1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Bhala sid jew xufier tal-imsemmija vettura bil-mutur, naqset li tara li l-licenzja kienet imwahhla man-naha tax-xellug tal-windscreen u dan bi ksur tar-Regolament 17(2)(a) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.02;

3. Saqet vettura bil-mutur jew vettura ohra li ma kellhiex licenzja u dan bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Bhala ufficjal pubbliku, naqset li tissorvelja jew ma mpedixxietx reat milli jsir, meta kien fid-dmir taghha li tara li ma jsirx u dan bi ksur tal-Artikolu 141 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-26 ta' Frar, 2019, fejn il-Qorti sabet lill-akkuzata hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghha u kkundannatha multa ta' €3,000, liema multa ghandha tithallas ratealment permezz ta' pagamenti ta' €100 fix-xahar, l-ewwel pagament ghandu jsir fl-1 ta' Mejju, 2019, b'dan illi jekk ma jsirx il-hlas ta' xi wahda mir-rati, l-ammont shih li jkun fadal ghandu jkun dovut u jithallas minnufih u, fin-nuqqas ta' tali hlas, il-bilanc tal-ammont dovut ghandu jkun awtomatikament konvertibbli fi prigunerija minghajr il-htiega ta' ebda att gudizzjarju iehor.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Josann Josephine Anne Darmanin, ipprezentat fil-5 ta' Marzu, 2019, fejn talbet lil din l-Qorti thassar is-sentenza moghtija fil-konfront taghha billi thassar u tirrevoka l-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellanti hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha u minflok tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni, htija u piena.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet:

**Ikkunsidrat:**

Illi l-gravam uniku imqanqal mill-appellanti fl-appell minnha ntentat jikkoncerna l-inammissibilita ta' dak mistqarr minnha lil pulizija meta giet intercettata minnhom vicin il-vettura li allegatament ma kenitx koperta b'licenzja valida ghat-triq u kwindi minn assikurazzjoni skont il-ligi. Dan ghaliex meta mitkellma mill-ufficjali tal-pulizija investigattivi PC328 Matthew Azzopardi u PC1608 Anthony Dimech, hi ma kenitx giet moghtija t-

twissija skont il-ligi u allura lanqas ma kienet debitament assistita minn avukat. Tisħaq illi m'hemmx provi oħra apparti dak dikjarat minnha lil pulizija *a tempo vergine* li b'xi mod iwasslu ghar-reita' u kwindi ghandha tigi lliberata mill-akkuzi dedotti fil-konfront taghha. Illi fis-sottomissjonijiet orali maghmula mill-Avukat Generali fis-seduta tas-17 ta' Lulju 2020 jidher illi l-Prosekuzzjoni qabblet ma' dan l-aggravju imqanqal mid-difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti minghajr tlaqliq tistqarr illi l-appellanti ghandha ragun fl-aggravju minnha intentat u dan jirrizulta ampjament minn ezami tal-atti u l-provi li ingiebu quddiem l-Ewwel Qorti mill-Prosekuzzjoni, konsistenti unikament mill-affidavit u PIRS report tal-PC328 Matthew Azzopardi, affidavit iehor ta' PC1608 Anthony Dimech u ix-xiehda ta' Stephen Cachia rapprezentant ta' Transport Malta.

Dan ghaliex meta l-pulizija nhar l-14 ta' Awwissu 2018 għall-ħabta tas-sebgħa ta' filgħaxija, kienu qedgħin jagħmlu ronda ġewwa Ta' Qali filwaqt li kien hemm il-festin Summer Daze għaddej ġewwa l-Park Nazzjonali, u nnutaw vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni HBJ167 tinsaq minn persuna femminili libsa uniformi tal-gwardjani lokali, madanakollu meta aktar tard ġiet innutata l-istess vettura li kienet qed tagħlaq id-dħul mir-roundabout lejn Ta' Qali, il-gwardjana lokali li giet mitkellma kienet tinsab ħdejn il-vettura. Din kienet qieghda fuq il-lant tax-xoghol tagħlaq id-dħul lejn Ta' Qali. Il-pulizija osservaw illi l-vettura kellha liċenzja skaduta u ma kelliex l-assikurazzjoni mħallsa. Mill-provi madanakollu ma jirrizultax jekk din il-persuna tas-sess femminili mitkellma mill-pulizija li kienet hdejn il-vettura, kenitx l-istess wahda minnhom osservata aktar kmieni issuq l-istess vettura, ghajr ghal dak mistqarr mill-istess appellanti meta giet mitkellma.

**Ikkunsidrat:**

Illi ma jidhirx illi huwa kkontestat jew ghallinqas ma jirriżultax mill-provi illi l-pulizija li tkellmu mal-appellanti tawha it-twissija qabel ġiet mitkellma minnhom, wisq inqas id-dritt li tikkonsulta mal-avukat tal-għażla tagħha.

> **"Fil-proċess penali wieħed mill-prinċipji fondamentali huwa li l-imputat għandu d-dritt li jibqa' sieket u l-liġi tiżgura li huwa jiġi mgħarraf b'dan id-dritt tiegħu sa mill-bidu nett tal-proċess. Minn dan il-prinċipju li kif ingħad japplika għall-proċess penali, fis-sistema tagħna sa mis-snin 30 daħlet il-prattika li anke fil-fażi tal-investigazzjonijiet tal-pulizija twissi lil dak li jkun ser jiġi interrogat li jista' jagħżel li ma jitkellimx. Jidher ukoll li din il-prattika ġiet introdotta f'Malta fuq l-iskorta ta' Rule II tal-Judges Rules viġenti fl-Ingilterra dak iż-żmien. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali minn sentenzi tal-Qrati tal-Maġistrati fis-sentenza tagħha Il-Pulizija vs Mifsud deċiża fl-20 ta' Ottubru, 1955 kienet qalet hekk: "L-esperjenza mill-1930 l-hawn turi li fil-preżent l-ammoniment qed isir daqslikieku kien obbligu b'liġi u huwa sewwa u desiderabbli li jitkompla jsir biex jiġu evitati kwistjonijiet u dubbji". Sussegwentement permezz ta' Rule IV tal-Ġeneral Orders No. 5 ta' l-1961, il-Kummissarju tal-Pulizija a' dak iż-żmien ordna li kull uffiċjal tal-Korp Malti kellu d-dover "to caution a suspect in the following terms: You are not obliged to say anything unless you wish to do so, but whatever you say will be taken down in writing and may be used as evidence". Skond Rule 3, ukoll "persons in custody should not be question without the usual caution being first administered". Issa huwa veru li teżisti ġurisprudenza li tirritjeni li l-konfessjoni ta' l-imputat hija ammissibbli avolja ma jkunx sar lill-imputat l-ammoniment li jista' ma jirrispondix għad-domandi li jsirulu – ara per eżempju Rex vs Briffa tas-7 ta' Novembru, 1930 (Qorti tal-Appell Kriminali), Il-Pulizija vs Edward Mifsud ta' l-20 ta' Ottubru 1955 (Qorti tal-Appell Kriminali) u Il-Pulizija vs A. Cassar tat-30 ta' Novembru, 1978 (Qorti tal-Appell Kriminali). Jiġi nnotat li din l-aħħar sentenza ngħatat wara li l-Kummissarju tal-Pulizija kien ħareġ l-ordni li ssemmiet. F'dik l-okkażjoni l-Qorti ppresjeduta mill-Onor Imħallef Oliver Gulia kienet qalet "L-effett tal-caution huwa li f'ħafna każi telimina kwistjonijiet li jistgħu jinqalgħu dwar il-volontarjeta' ta' l-istess stqarrija, iżda darba jirriżulta – oneru ta' prova dan li jaqa' fuq il-prosekuzzjoni – illi l-istqarrija tkun ittieħdet volontarjament fis-sens tar-rekwiżiti ta' l-artikolu 654 tal-Kodiċi Kriminali, tista' tittieħed bi prova kontra min ikun stqarrha";**
>
> **Jidher li anki fl-Ingilterra l-posizzjoni kienet l-istess fis-sens illi anke fl-assenza tal-caution, konfessjoni setgħet tkun ammissibbli bħala prova jekk mogħtija volontarjament (Bourdeau vs R (1949).**

**Pero', manmano li komplew jiżviluppaw il-kunċetti ta' fair trial u bl-introduzzjoni tal-Codes of Practice tal-Pulizija Ingliża, is-sitwazzjoni xi ftit jew wisq tbiddlet u fit-termini ta' l-artikolu 67(11) tal-Police and Criminal Evidence Act, 1984 il-fatt tan-nuqqas ta' caution hija waħda mill-fatturi li għandha tittieħed in konsiderazzjoni biex jiġi deċiż il-konfessjoni hiex ammissibbli jew le;**

**Din il-Qorti bla tlaqliq tafferma li temmen li jekk mill-atti proċesswali jirriżulta ab initio illi l-persuna suspettata, aktar u aktar jekk tkun taħt arrest, tkun ġiet interrogata mingħajr ma tkun ġiet informata li tista' tagħżel li ma tinkriminax ruħha, dik il-konfessjoni hija min-natura tagħha stess suspetta għal dik li hija volontarjeta' talment li din il-Qorti tħoss li jkun perikoluż li tinġieb a konjizzjoni ta' min għandu jiġġudika fuq il-fatti – f'dan il-każ il-ġurati. Jekk dan l-argument huwa validu kwantum jirrigwarda każijiet fejn l-interrogatorju jsir mill-pulizija, multo magis għandu japplika fejn l-interrogazzjoni issir mill-Maġistrat fil-kors ta' inkjesta...."**[1]

Illi illum l-gurnata fid-dawl tad-dritt komunitarju li jifforma parti mill-qafas legislattiv ta' pajjizna u tal-insenjament tramandat mill-Qorti Ewroepja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem din it-twissija tinghata piz akbar ghaliex mhux biss taghti d-dritt ghas-silenzju lil persuna suspettata, izda ukoll d-dritt illi jiehu parir legali. Altrimenti din tkun vjolattiva tad-dritt fondamentali ghal smiegh xieraq mhux biss imhaddan fil-Kostituzzjoni, izda ukoll fil-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem li taghha pajjizna huwa firmatarju u allura mhaddna ukoll fil-ligi taghna. Illi magħdud dan kollu huwa evidenti illi fin-nuqqas li tingħata t-twissija jew il-*caution* kif inhi komunement magħrufa anki fi stadju investigattiv kwalunkwe dikjarazzjoni maghmula minn persuna suspettata għandha titqies bħala waħda kontra l-ligi u konsegwentement għandha titqies inammissibbli.

Illi l-pulizija investigattiva f'dan il-kaz ma jindikawx fl-affidavit minnhom maghmul u pprezentat mill-Prosekuzzjoni illi huma taw xi forma ta' twissija lill-appellanti qabel giet mitkellma, sabiex b'hekk l-ewwel Qorti ma setatx toqgħod fuq id-dikjarazzjonijiet li setgħet għamlet l-appellanti lill-pulizija li kellmuha fuq il-post, u konsegwentement kwalunkwe ammissjoni minnha maghmula kellha tigi skartata.

---

[1] Repubblika ta' Malta vs Carmelo sive Charles Tabone deċiża nhar is-17 ta' Jannar 1995. App.Sup.

Illi finalment għalkemm l-appellanti tagħmel referenza għal xi *seizure note* marbuta mal-qbid tal-vettura mertu ta' dawn il-proceduri li giet iffirmata minnha meta ma kienet ingħatat ebda twissija skont il-ligi, din in-nota ta' qbid ma hijiex esebita in atti għalkemm imsemmija mill-pulizija fl-affidavit tagħhom u allura ma tista' qatt tikkostitwixxi xi prova la favur u lanqas kontra l-appellanti.

Ikkunsidrat:

Illi skartat dak dikjarat mill-appellanti lil pulizija billi tali prova hija waħda inammissibbli, jerga jingħad illi ma hemm ebda prova in atti li tindika illi kienet l-appellanti l-persuna ta' sess femminili libsa l-uniformi tal-gwardjani lokali li l-pulizija osservaw issuq il-vettura tal-għamla Renault bin-numru ta' registrazzjoni HBJ167. L-unika prova oħra li hemm hija x-xhieda tar-rappreżentant tat-Transport Malta li jixhed illi l-vettura kellha liċenzja tat-triq skaduta u l-assikurazzjoni mhux imġedda. Il-vettura lanqas ma tgħajjat lill-appellanti izda lil certu Anthony Tanti tat-*Topper Auto Dealer*. Meta l-appellanti imbagħad giet imwaqqfa mill-pulizija hija ma kenitx fil-vettura u lanqas għalhekk ma kienet qed issuq l-istess izda kienet bil-wieqfa fuq il-lant tax-xogħol qed tagħlaq it-triq għat-traffiku. Dan ifisser illi l-akkuzi addebitati lill-appellanti ma jirrizultawx ippruvati u l-Ewwel Qorti malament sabet ħtija fuq prova li kellha titqies bħala waħda inammissibbli skont il-ligi.

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata u tgħaddi biex tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni u ħtija.

(ft) Imħallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur